MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Awwissu, 2013

Numru 729/2013

**Il-Pulizija
(Spettur Darry Borg)**

**vs**

**Leonardo De Jesus Sastre Palacios**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Leonardo De Jesus Sastre Palacios iben Pablo u Ana nee’ Palacios imwieled Colombia nhar it-03 ta’ Marzu 1994 u residenti gewwa PSJE Paz de Espana 8, Miraflores De La Sierra, Madrid u detentur tal-karta tal-identita’ Spanjola bin-numru ANX130144 gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar it-02 ta’ Awwissu 2013, gewwa San Giljan u f’dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommetta serq ta' Handbag, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Yvyan Merzin.

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat liema valur globali jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

3. Rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 2 t'Awwissu 2013 (esebit a fol. 2 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-2 t'Awwissu 2013 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-2 ta' Awwissu 2013 ghall-ewwel(1) u t-tielet(3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk jrid jerga' lura minnha u kien

biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandux triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1) u t-tielet(3) imputazzjoni kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat izda ikkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputat huwa recidiv u li huwa kkommetta reat iehor fi zmien qasir hafna minn meta nstab hati ta' reat iehor u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva anki jekk fil-minimum.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 270, 279 (1)(a), 280, 31, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1) u t-tielet(3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah seba'(7) xhur prigunerija. Stante li t-tieni(2) mputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel(1) imputazzjoni li taghha instab hati, l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------